MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 183/2000/1

**Avviz. numru 183/2000DM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Woodco Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' seba' mija wiehed u disghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm791.11) rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 249109 u dan wara t-talba tal-istess socjeta' konvenuta ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telefon (Dokument A) (CN 218945).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Lulju, 1999 u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta’ Lulju, 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Woodco Limited fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament it-talba tas-socjeta’ attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap XVI, in rigward ghall-ammonti illi huma allegatament dovuti qabel u waqt l-1997, u dana stante illi skada t-terminu prefiss mill-ligi;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti hija dik ikkontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili li tipprovdi illi l-azzjonijiet ghal hlas ta’ kull kreditu iehor illi gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’ skond din il-ligi jew ligijiet ohra ta’ preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx irrizulta minn att pubbliku, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin. Ghalhekk huwa necessarju illi jigi stabbilit f’liema perjodi gew prestati s-servizzi mill-kumpanija attrici lill-kumpanija konvenuta.

Mill-kont esebit mill-atturi jirrizulta illi s-servizzi pprestati lill-kumpanija konvenuta kienu nbdew mill-1 ta’ Ottubru, 1994 u baqghu jigu pprestati sa l-10 ta’ Settembru,1999. Ghaldaqstant billi ma ngiebet ebda prova biex xi att gudizzarju li seta’ nterrompa l-perjodu ta’ preskrizzjoni, d-

data relevanti sabiex jista’ jigi komputat liema huma s-servizzi li nghataw u li dwarhom ma hix applikabbli l-preskrizzjoni, hija d-data tal-prezentata ta’ l-avviz odjern, ossia l-21 ta’ Frar,2000. Ghalhekk kull darba ghal xi ammont li jirreferi ghal xi servizz moghti mill-atturi precedentement ghal 21 ta’ Frar 1995, ghandha tigi meqjusa bhala preskritta.

Ghalhekk minn ezami tal-kont dettaljat ipprezentat mill-kumpanija attrici a fol 34 tal-process immarkat Dokument DB 1 jirrizulta illi l-ammont ta’ erba’ u erbghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm44.75) ghal servizz ipprovdut fl-1 ta’ Jannar 1995 u l-ammont ta’ mija u wiehed u tletin lira u hamsin centezmi (Lm131.50) ghal servizzi pprovduti sa l-1 ta’ Ottubru, 1994 huma preskritti, izda t-talba attrici ghandha treggi u tigi akkordata ghar-rigward ta’ l-ammonti l-ohra kollha hlief ghall-ammont ta’ tmienja u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm48.10) [l-ewwel partita datata 5 ta’ Settembru 2000 billi dawn ma jirrigwardawx xi servizzi pprestati mill-kumpanija attrici, izda huma spejjez gudizzjarji in konnessjoni ma’ din il-kawza.]

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici, limitatament billi tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ sitt mija u hamsa u ghoxrin lira u tmintax-il centezmi (Lm625.18c) li huwa l-ammont rapprezentanti arretrati dovuti lill-istess socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 249109 u li mhumiex milqutin bil-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. In oltre tikkundanna lill-istess kumpanija konvenuta sabiex thallas l-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont b’effett mill-21 ta’ Frar, 2000.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 4/5 mill-konvenuti u 1/5 mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------